MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2012

Numru. 818/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**FRANCESCO K/A FRANKY SCHEMBRI**
**SALVATORE K/A SUNNY ZAMMIT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Francesco k/a Franky Schembri ta’ 48 sena, (dtt. 26/08/1957), bin Antonio u Antonia nee’ Cassar, imwieled Zejtun, u li joqghod ‘Framarg’, Triq Guzeppi Montebello, Tarxien (ID nru. 599257M);

U

Salvatore k/a Sunny Zammit ta’ 43 sena, (dtt. 19/09/1962), bin Gio Maria u Carmela nee’ Spagnol, imwieled Zejtun u li joqghod ‘Shanti-Nivas’, Triq Wied il-Ghajn, Zabbar (ID nru. 617662M).

Francesco Schembri wahdu akkuzat talli, fl-24 ta’ Settembru 2003 ghall-habta tat-08:00am f’Hal Far, fil-kapacita’ tieghu ta’ direttur tad-ditta C & F Building Contractors Ltd, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna il-mewt ta’ Charles Ellul minn Haz-Zabbar;

U aktar talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jason Manicaro minn Rahal Gdid;

Francesco Schembri u Salvatore Zammit flimkien akkuzati talli bhala persuni li jhaddmu, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta’ qabel, naqsu milli jassiguraw is-sahha u s-sigurta’ tal-persuni kollha li jistghu jigu effettwati biex xoghol li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji sabiex jigu evitati danni fizici, korrimenti jew imwiet fuq il-post tax-xoghol, kif ukoll naqsu milli jiehdu l-mizuri kollha necessarji sabiex ir-riskju jigi ridott kemm huwa ragonevolment prattiku;

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta’ qabel bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jizguraw s-sahha u s-sigurta’ tal-haddiema f’kull zmien u f’kull aspett li ghandu x’jaqsam max-xoghol;

Akkuzati wkoll talli naqsu milli jaghmlu dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi waqt li jikkunsidraw in-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza kif ukoll naqsu milli jipprevjenu riskji fuq il-post tax-xoghol billi jipprovdu nformazzjoni u tahrig kif mehtieg.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dok. esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JJF 5 u nnutat li l-imputati Francesco k/a Franky Schembri u Salvatore k/a Sunny Zammit m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati ddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Johann J. Fenech ghall-Prosekuzzjoni ddikjara li l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputati inghataw bhala akkuzi alternattivi ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-imputati u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-art. 6(1), (2) u (3) tal-Kap. 424 u r-Regolamenti 4(1), (2) u (3), 6(1) u 10(1) tal-Avviz Legali 36 tal-2003.

Issib lill-imputat Francesco k/a Franky Schembri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkunndannah ghall-piena komplessiva ta' ghaxar t'elef Ewro (Ewro 10,000) multa.

Issib lill-imputat Salvatore k/a Sunny Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkunndannah ghall-piena komplessiva ta' erba' t'elef Ewro (Ewro 4,000) multa.

Rigward l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputati, tenut kont dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Johann J. Fenech ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar dawn iz-zewg akkuzi kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputati.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputati Francesco k/a Franky Schembri u Salvatore k/a Sunny Zammit sabiex fi zmien sena millum ihallsu lir-Registratur tal-Qrati fi kwoti ndaqs bejniethom is-somma ta' elfejn, tmien mija u hamsa u hamsin Ewro u hamsin centezmi ta' Ewro (Ewro 2855.50) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RB1.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------